MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

It-Tnejn 11ta' Frar 2019

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/2 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4:00pm

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI**

*Ma kienx hemm*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresediet il-laqgħa.

## 2.1 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2018:

L-'Accountant' tal-Kunsill is-Sur Arthur Turner flimkien ma rappreżentant minn tiegħu kienu preżenti waqt din is-seduta fejn spjegaw b'mod tekniku kif ukoll b'mod li kulħadd kien kapaċi jifhem ir-rapport ta' finanzi li huma stess ħejjew wara li dawn ġew aċċetati mill-Kunsill kif ukoll mid-dipartiment li b'mod temporanju qiegħedin jagħmlu x-xogħol ta' accountants fi ħdan il-Kunsill Lokali Kalkara. Is-Sur Turner kompla jżid illi ma kinitx faċli illi wieħed jaħdem wara ħaddieħor meta ż-żmenijiet kienu qosra ħafna pero rnexxxielom jaħdmu bl-aħjar mod possibli biex din is-sena l-awditjar tal-Kunsill ikun wieħed posittiv xi naqra iktar minn dik tas-sena 2017 bħal ma kulħadd kien diġa' mgħarraf x'kien ġara.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament ma' dan ir-rapport tas-sena 2018 waqt din is-seduta, ġie iffirmat l-istess document mis-Seg Eżek kif ukoll mis-Sindku biex jintbgħat l-awdituri kif ukoll id-dipartiment tal- Kunsill għal aktar ipproċċesar kif inhu xieraq kif ukoll skond il-liġi.

Konfermati, illum it-Tnejn 11 ta' Frar 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop | Elaine Caruana |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |